MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Numru 642/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Daniela Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Daniela Cassar ta' 28 sena bint Rosario Tranchino u Susan nee` Moore, imwielda h'Attard nhar l-20 t'Awissu 1976 u li toqghod Micallef Sultana Court, Blokk G, Flat 3, Triq Bella Vista San Gwann, detentrici tal-karta ta' l-identita 427476(M) giet akkuzata talli:

Fit-3 ta’ Marzu 2004 f’dawn il-gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa (mobile phone ta’ l-ghamla Samsung), mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahlet sabiex tbiegh jew tmexxi dawn l-oggetti liema valuri jeccedi Lm100 mitt lira maltin izda ma jeccedix il-Lm500 hames mitt lira maltin.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tal-lum l-imputata ddikjarat li m’ghandhiex htiega ta’ avukat. Il-Qorti fehmet lill-imputata bid-dritt taghha li tkun assistita minn avukat. L-imputata insistiet li ma tkunx assistita minn avukat u kkonfermat li m’ghandhiex bzonn t’Avukat.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok VA 3 u nnutat li l-imputata m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-lum, l-imputata, fl-ezami taghha, wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata kkoperat bi shih mal-Pulizija.

Rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Daniela Cassar, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur iddikajra li l-imputata kkoperat bi shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-

imputata Daniela Cassar ghall-piena ta’ sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum l-imputata Daniela Cassar tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Daniela Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------